MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**MARK CHETCUTI**

Seduta tad-29 ta' Frar, 2012

Citazzjoni Numru. 958/2011

**Avukat Dottor Luigi A. Sansone LL.B. (Hons), LL.D., bħala**
**Mandatarju speċjali ta' Neutrogena Corporation, soċjeta'**
**estera organizzata taht il-liġijiet tal-Istat ta' Delaware fl-Istati Uniti tal-Amerika u b'indirizz ta' 5760 West 96 Street,**
**Los Angeles, California 90045, Stati Uniti tal-Amerika**

**vs**

**Dr. Joseph Ellis u P.L. Joeline Pace Ciscaldi**
**gew nominati kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lil**
**AL KHAT AL AZRAQ SHIPPING AGENCY, entita' estera**
**b'indikazzjoni ta' indirizz ta' "BIGHAZI, LIBYA"**
**b'digriet tat-23 ta' Novembru 2011**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-attur nomine tal-4 ta’ Ottubru 2011 li jghid hekk:

1. Illi s-socjeta’ attrici, maghrufa sew madwar id-dinja nkluz f’Malta, inter alia in konnessjoni ma’ prodotti ghall-kura u l-indafa tal-gilda tal-wicc, hija proprjetarja ta’ diversi trademarks li jkopru dan in-negozju taghha fosthom NEUTROGENA” u “NEUTROGENA HEALTHY SKIN”;

2. Illi b’hila u b’invenzjoni, kif ukoll b’hafna sagrificcju finanzjarju u promozzjoni reklamattiva da parti taghha, is-socjeta’ attrici kisbet reputazzjoni u avvjament enormi in konnessjoni mat-trademarks taghha hawn qabel indikati, inter alia dwar prodotti ghall-kura u l-indafa tal-gilda tal-wicc;

3. Illi fost ohrajn, is-socjeta’ attrici ghandha validament irregistrati illi f’Malta t-trademarks bin-numru ta’ registrazzjoni 11974 “NEUTROGENA” (kelma, dwar soaps, soap cakes, liquid soaps, shaving soaps, facial lotions, after-shave) u 30953 “NEUTROGENA HEALTHY SKIN” (frazi, dwar skin cleansers, skin care preparations, moisturizers, cosmetics, hair care preparations, hair cleansers and conditioners in this class), u b’daqstant dawn iz-zewg trademarks dwar prodotti ghall-kura u l-indafa tal-gilda tal-wicc;

4. Illi s-socjeta’ attrici hija “detentrici ta’ dritt” ghall-iskopijiet tad-disposizzjonijiet rilevanti kollha tal-Att Dwar Drittijiet Dwar Proprjeta’ Intellettwali (Mizuri Intrakonfini) [Kapitolu erba’ mija w erbatax (414) tal-Edizzjoni Riveduta tal-Ligijiet ta’ Malta] u tal-Council Regulation (EC) No 1383/2003 concerning customs action against goods suspected of infringing certain intellectual property rights and the measures to be taken against goods found to have infringed such rights, biex b’hekk u wkoll b’applikazzjoni tal-artikolu ghaxra (10) tal-istess Council Regulation (EC) No 1383/2003, tgawdi mill-protezzjoni derivanti mill-artikoli erbgha (4), tnejn (2) subartikolu wiehed (1) paragrafu (a) u tmienja (8) subartikolu wiehed

(1) tal-istess Kapitolu erba' mija w erbatax (414), b'disposizzjonijiet rilevanti kontenuti f'dawk l-artikoli ta' ligi li japplikaw ghal dan il-kaz fost ohrajn;

5. Illi recentement, waqt skrutinji f'sitwazzjoni msemmija fl-artikolu erbgha (4) tal-istess Kapitolu erba' mija w erbatax (414) kif ukoll fl-artikolu wiehed (1) subartikolu wiehed (1.) tal-Council Regulation (EC) No 1383/2003, il-Kontrollur tad-Dwana ssosspenda r-rilaxx tal-container GESU 4485795 kontenenti fost ohrajn prodotti ghall-kura u l-indafa tal-gilda tal-wicc (wet facial wipes), li kollha ghandhom fuqhom trademarks "Netruogina" u "Nutrgina", u waslu fil-port hieles ta' Marsaxlokk (Malta Freeport) waqt il-kors ta' procedura ta' trasbord (transhipment), in tranzitu ghar-rilaxx eventwali favur il-konvenuta. L-istess Kontrollur tad-Dwana informa lis-socjeta' attrici dwar din is-sejba f'cirkustanzi suspetti sabiex isiru l-verifiki opportuni dwar kontravvenzjonijiet ta' drittijiet dwar proprjeta intellettwali;

6. Illi s-socjeta' attrici giet mgharrfa bis-sejba fit-tnejn (2) ta' Settembru elfejn u hdax (2011) u, wara li ezaminat ritratti elettronici u kampjuni ta' dawn l-oggetti, indikat lill-Kontrollur tad-Dwana li dawn huma oggetti falsifikati. Minn naha tieghu, il-Kontrollur tad-Dwana ghaddilha kopja ta' polza ta' karigu relattiva ghal dan il-kaz intitolata DRAFT BILL OF LADING fejn, bhala shipper hemm indikata "BLUE LINE SHIPPING & CARGO L.L.C.", b'indikazzjoni ta' indirizz ta' "DUBAI, UAE", filwaqt li bhala consignee hemm indikata "AL KHAT AL AZRAQ SHIPPING AGENCY", b'indikazzjoni ta' indirizz ta' "BIGHAZI, LIBYA". Effettivament allura, l-oggetti lkoll mertu ta' din il-vertenza, li l-Kontrollur tad-Dwana ndika bhala b'kollox "10 cartons by 12 inners by 12 packs each 1,440", jikkontravvjenu d-drittijiet dwar proprjeta intellettwali tas-socjeta' attrici stante li oggetti falsifikati;

7. Illi l-Kontrollur tad-Dwana pprefiggja terminu sal-erbgha (4) ta' Ottubru elfejn u hdax (2011) inkluz, sabiex is-socjeta' attrici taghtih prova li nbdew l-opportuni procedimenti gudizzjarji civili li jwasslu ghal decizjoni sostantiva dwar il-merti tal-kaz;

8. Illi l-esponent nomine jaf personalment bil-fatti hawn kollha dikjarati;

9. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet hawn qabel premessi l-attur nomine umilment jitlob li dina l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara li l-oggetti konsistenti f'prodotti ghall-kura u l-indafa tal-gilda tal-wicc (wet facial wipes), li kollha ghandhom fuqhom trademarks "Netruogina" u "Nutrgina", liema oggetti kollha jinsabu prezentement mizmuma taht l-awtorita' tal-Kontrollur tad-Dwana wara li huwa kien sab li l-container GESU 4485795 kien jikkontjeni l-imsemmija oggetti fost ohrajn, jikkontravvjenu d-drittijiet ta' proprjeta intellettwali tas-socjeta' attrici stante li oggetti falsifikati;

2. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddisponi minn tali oggetti 'l hinn mill-kanali tal-kummerc b'dak il-mod li jipprekludu xi hsara lis-socjeta' attrici jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddistruggi dawk l-oggetti, f'kull kaz minghajr ebda kumpens lill-konvenuta u ghas-spejjez taghha;

3. Tiehu, jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiehu dwar dawk l-oggetti, kull mizura ohra li jkollha l-effett li effettivament iccahhad lill-konvenuta mill-beneficcji ekonomici tat-transazzjoni;

4. Tordna li l-konvenuta ghandha tbati l-ispejjez 'l ohra kollha konnessi mal-mizuri ordnati ai termini tat-tieni u tat-tielet talbiet attrici, inkluzi dawk tal-identifikazzjoni u tal-ghadd tal-imsemmija oggetti, tat-trasport taghhom ghall-lok tal-hazna, tal-hazna stess, tat-trasport mill-lok tal-hazna sal-lok tal-eventwali distruzzjoni, u tal-attendenza waqt id-distruzzjoni.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li tibqa' minn issa ingunta ghas-subizzjoni taghha.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti li huma esebiti u mmarkati minn Dok. A sa Dok. H;

Rat id-digrieti tat-23 ta' Novembru 2011 fejn gew nominati l-kuraturi deputati indikati sabiex jidhru ghall-entitajiet intimati;

Rat li r-risposta guramentata tal-kuraturi deputati tat-30 ta' Jannar 2012 fejn ecceppew:

1. Illi l-esponenti m'humiex edotti mill-fatti li taw lok ghal din il-kawza u ghaldaqstant jirriservaw illi jdahhlu eccezzjonijiet ulterjuri fl-eventwalita illi jkun hemm il-htiega;

2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat il-lista tal-istess kuraturi deputati;

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma tat-23 ta' Frar 2012 fejn meta ssejhet il-kawza dehret Dr. Francesca Sansone ghas-socjeta` attrici li ddikjarat li l-atti huma pprezentati u socjeta attrici ma ghandhiex aktar provi. Il-kawza giet differita ghas-sentenza in difett d'ostakolo ghad-29 ta' Frar 2012;

Rat ix-xhieda kollha prodotta;

Rat id-dokumenti kollha esebiti;

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza;

**Ikkunsidrat**

Illi s-socjeta' attrici hija proprjetarja tal-marki "NEUTROGENA", u "NEUTROGENA HEALTHY SKIN" u dan kif jirrizulta mill-att promotorju ta' din il-kawza u wkoll mir-registrazzjoni ta' trademarks fir-Registru tat-Trademarks Malta u dawk Komunitarji skond Dok. B u C annessi mal-istess.

Illi fil-fatt jirrizulta mix-xhieda b'affidavit ta' George Agius, Ufficjal tal-Kontrollur tad-Dwana (Dok. G fol. 33) li taht l-awtorita' tal-Kontrollur tad-Dwana ssospenda r-rilaxx tal-container numru GESU 4485795 kontenenti f'977 kaxxa 'BEAUTY ITEMS' u fosthom oggetti konsistenti f'elf erba' mija u erbghin (1,440) pakkett make-up wipes tal-marka 'Netruogina' u 'Nutrgina' u waslu fil-port hieles ta' Malta (*Malta Freeport*) waqt il-kors ta' procedura ta' trasbord (*transhipment*). L-istess Kontrollur tad-Dwana informa lis-socjeta` attrici dwar din is-sejba f'cirkustanzi suspetti sabiex isiru l-verifiki opportuni dwar kontravvenzjonijiet ta' drittijiet dwar proprjeta intellettwali.

Illi l-istess kontejner kien wasal Malta fuq il-vapur CMA CGM BELLINI fil-5 ta' Awwissu 2011 u nfetah, u l-oggetti nzammu mill-Ufficjali tad-Dwana fl-10 ta' Awwissu 2011 fuq suspett li kienu foloz, u fil-fatt minn ezamijiet li saru gie kkonfermat li tali oggetti kienu fil-fatt kontrafatti u li kienu destinati lis-socjetajiet/entitajiet intimati (Dok. LS03, cioe affidavit ta' Jake Feldman tas-socjeta' attrici).

Illi minn dan kollu jidher li l-allegazzjonijiet attrici gew ilkoll ippruvati u dan permezz tax-xhieda u dokumenti kollha esebiti u filfatt lanqas biss hemm ebda kontestazzjoni u ghalhekk it-talbiet attrici qed jigu milqugha bil-mod hawn indikat u tali oggetti ghandhom jigu distrutti a spejjez tal-istess entitajiet konvenuti, liema spejjez huma wkoll indikati fl-affidavit tal-Ufficjal tad-Dwana datat 30 ta' Settembru 2011 (Dok. G fol. 33).

**Konkluzzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, taqta' u tiddeciedi, billi fil-waqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati, tilqa' t-talbiet attrici l-ohra fis-sens hawn deciz b'dan illi:-

1. Tiddikjara li l-oggetti konsistenti f'elf erba' mija u erbghin (1,440) pakkett make-up wipes tal-marka 'Netruogina' u 'Nutrgina' li jinsabu prezentement mizmuma taht l-awtorita' tal-Kontrollur tad-Dwana wara li huwa kien sab li l-container numru GESU 4485795 kien

fih l-imsemmija oggetti, jikkontravvjenu d-drittijiet ta' proprjeta intellettwali tas-socjeta` attrici *stante* li falsifikati;

2. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana sabiex fi zmien qasir u perentorju ta' disghin (90) gurnata mid-data ta' din is-sentenza jiddistruggi dawn l-oggetti mertu ta' din il-kawza minghajr ebda kumpens lill-konvenuta u a spejjez taghha;

3. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet talba billi ma hemmx bzonnha;

4. Tordna li l-konvenuta ghandha tbati l-ispejjez l-ohra kollha konnessi mal-mizuri ordnati ai termini tat-tieni u tielet talbiet attrici, inkluzi dawk tal-identifikazzjoni u tal-ghadd tal-imsemmija oggetti, tat-trasport taghhom ghal-lok tal-hazna, tal-hazna stess u tat-trasport mil-lok tal-hazna sal-lok tal-eventwali distruzzjoni u tal-attendenza waqt id-distruzzjoni, kif elenkati kollha fl-affidavit tal-Ufficjal tad-Dwana Dok. G fl-atti tal-kawza;

Bl-ispejjez kontra l-entita konvenuta b'dan li l-kuraturi deputati jithallsu skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------